

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12437/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0524 (COD)**

LIMITE

**CLIMA 318
ENV 798
ENER 424
COMPET 834
IND 324
MI 615
CODEC 1197**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru dok. Cion:	11184/25
Suġġett:	TĦEJJIJA TAL-KUNSILL (AMBJENT) TAT-18 TA' SETTEMBRU 2025 Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. L-UE stabbiliet il-miri klimatiċi tagħha għall-2030 u għall-2050 fir-Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika (il-"Liġi Ewropea dwar il-Klima")¹. L-Artikolu 4(3) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima jirrikjedi li tiġi stabbilita mira klimatika intermedja għall-2040 bil-ħsieb li jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1)

2. Fis-6 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni bit-titolu "Niżguraw il-futur tagħna – Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta"². Filwaqt li qieset il-parir xjentifiku mogħti mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata u rapport dwar il-baġit tal-karbonju, il-Komunikazzjoni rrakkomandat tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta mqabbel mal-livelli tal-1990 bħala l-mira għall-2040.
3. Fit-2 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppubblikat proposta³ biex temenda l-Liġi Ewropea dwar il-Klima ("l-emenda tal-ECL") billi tinkludi fiha l-mira ta' 90% imsemmija hawn fuq, kif ukoll emendi għal-lista ta' elementi fl-Artikolu 4 tar-Regolament eżistenti, inkluż tliet flessibbiltajiet biex jgħinu fil-kisba tal-mira tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-elementi jkunu riflessi b'mod xieraq fil-proposti leġiżlattivi futuri dwar il-qafas ta' politika dwar il-klima għal wara l-2030. Barra minn hekk, skont il-proposta, il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li taċċellera u ssaħħaħ il-qafas ta' abilitazzjoni biex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jappoġġaw lill-industrija u liċ-ċittadini Ewropej matul it-tranżizzjoni.
4. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-2 ta' Lulju 2025. Il-Kumitat ipprova għid aktar idma fis-16 ta' Lulju
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tat-3, is-7, l-14 u t-22 ta' Lulju kif ukoll tat-2 ta' Settembru 2025. Wara l-aħħar diskussjonijiet, il-Presidenza ppreżentat proposta ta' kompromess ġdida, kif tinsab fl-anness ta' din in-nota.⁴
6. Fil-Parlament Ewropew, is-Sur Ondřej KNOTEK (PřE, CZ) inħatar rapporteur għall-proposta fisem il-Kumitat ENVI. Il-votazzjoni tal-Kumitat ENVI hija skedata għat-23 ta' Settembru u l-votazzjoni fil-plenarja fis-6-9 ta' Ottubru.

² 6291/24

³ 11184/25 + ADD 1

⁴ Suġġerimenti ġodda tal-Presidenza meta mqabbla mat-test ta' kompromess preċedenti (11685/1/REV 1) huma mmarkati **b'tipa grassa u sottolinjati**. It-tfassir huwa indikat permezz ta' [...]. Bidliet preċedenti għall-proposta inizjali tal-Kummissjoni huma indikati f'dan it-test bħala sottolinjati u [...].

7. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni ġew ikkonsultati għal opinjoni.

II. L-AĦĦAR PROPOSTI TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

8. Sar progress konsiderevoli fid-diskussjonijiet. Madankollu, il-fajl huwa kumpless u politikament sensittiv, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar il-flessibbiltajiet proposti u l-qafas ta' abilitazzjoni. Fil-proposta ta' kompromess il-ġdida, il-Presidenza għamlet l-almu tagħha biex takkomoda kemm jista' jkun mit-talbiet tad-delegazzjonijiet abbażi tad-diskussjonijiet li saru s'issa. L-aħħar proposti ta' kompromess tal-Presidenza huma miġbura fil-qosor hawn taħt:

- a) Il-premessa 4 u l-Artikolu 4(5) punt (m) – elementi li għandhom jiġu riflessi fil-proposti leġiżlattivi:

Ir-referenza għall-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" ġiet kemxejn riformulata u reġgħet iddaħħlet fiż-żewġ postijiet.

- b) Il-premessi 5, 5a, 5b u 7a – faċilitaturi tal-kisba tal-mira għall-2040 u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa:

Il-premessa 5 inqasmet f'żewġ sentenzi għall-leġġibbiltà u żdiedu r-referenzi li ġejjin:

- Sistemi tal-ikel sostenibbli, ir-reżiljenza tal-komunitajiet rurali u s-sigurtà tal-ikel permezz ta' settur agrikolu Ewropew sostenibbli u robust
- Il-Fond Soċjali għall-Klima bħala eżempju ta' appoġġ fit-tranżizzjoni
- Il-bijoenerġija sostenibbli fost eżempji oħra ta' soluzzjonijiet ta' enerġija b'emissjonijiet żero u baxxi tal-karbonju
- It-tnaqqis tad-dipendenzi fuq l-importazzjoni fil-kuntest tal-kisba tal-mira għall-2040.

Il-premissa 5a preċedenti nqasmet f'żewġ premissi (5a u 5b) biex titjeb il-leġġibbiltà, u saru ż-żidiet li ġejjin:

- L-għan li tiġi żgurata tranżizzjoni kosteffettiva, ġusta u soċjalment ibbilanċjata lejn in-newtralità klimatika (il-premissa 5a)
- Aktar dettalji dwar l-għanijiet tal-Patt għal Industrija Nadifa rigward it-titjib fil-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (il-premissa 5b)

c) Il-premissa 7 u l-Artikolu 5(4)(p) – Bjar naturali

- Fil-premissa, żdiedet referenza kemm għall-proporzjon tal-ħamrija organika kif ukoll għall-inċertezzi relatati mal-bidliet fil-metodoloġiji bħala eżempji ta' karatteristiċi tal-assorbimenti naturali li għandhom jitqiesu fl-iżvilupp tal-pakkett ta' politika għal wara l-2030.
- Il-premissa tinkludi wkoll referenza ġdida għall-potenzjal tas-settur tal-LULUCF li jipprovdi benefiċċji ambjentali fit-tul flimkien ma' benefiċċji klimatiċi.
- Fl-Artikolu 5(4)(p), il-kliem "kif xieraq" iddaħħlu f'konformità mal-lingwaġġ mill-Ftehim ta' Pariġi.

d) Il-premissa 7a u l-bidla korrispondenti fl-Artikolu 4, it-tieni subparagrafu – Qafas ta' abilitazzjoni

- L-istess modifika saret fiż-żewġ postijiet biex tiġi ċċarata s-sentenza li tistabbilixxi l-obbligu għall-Kummissjoni fir-rigward tal-qafas ta' abilitazzjoni.

e) Il-Premessa 8 – Kontenut tal-valutazzjonijiet tal-impatt

Il-Presidenza tipproponi li żżid dan li ġej mal-aspetti li għandhom jitqiesu fil-valutazzjonijiet tal-impatt li ġejjin:

- Is-sitwazzjoni ġeopolitika
- L-impatti fuq l-industriji li jużaw ħafna enerġija
- L-impatti fuq il-kostijiet tal-enerġija u l-ħtiġijiet ta' investiment madwar l-Istati Membri

f) Il-premessa 8a u l-Artikolu 4(5) (a), (b) u (c) – Flessibbiltajiet

Il-bidliet proposti jikkonċernaw dan li ġej:

- Il-livell, iż-żmien u l-kundizzjonijiet tal-kontribut tal-krediti internazzjonali tal-karbonju għall-mira tal-2040, jeħtieġu diskussjoni politika u għalhekk referenzi bħal dawn tqiegħdu f'parentesi kwadri kemm fil-premessa kif ukoll fil-parti operattiva. Kwalunkwe bidla potenzjali għal dan ta' hawn fuq tkun ibbilanċjata mis-sentenza l-ġdida proposta fl-Artikolu 4(5)(a), li tibqa' wkoll fil-parentesi, dwar l-iżgurar tal-integrità ambjentali u l-kosteffettività tal-krediti filwaqt li tiġi promossa t-tmexxija teknoloġika tal-UE.
- Inklużjoni ta' referenza għal sħubijiet strateġiċi tal-UE fil-kuntest tal-operazzjonalizzazzjoni tal-użu ta' krediti internazzjonali
- Żieda ta' referenza għar-reviżjoni tat-trajettorja tal-ETS fir-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-ETS
- Żieda ta' referenza għall-possibbiltà li s-CO₂ jinħażen barra mill-Unjoni
- Kjarifika li l-krediti internazzjonali mhux ser ikollhom rwol għall-konformità taħt l-EU ETS, li tirrifletti t-test diġà fil-parti operattiva tat-test.
- Aktar kjarifiki tal-eżempji li jikkonċernaw il-flessibbiltà fis-setturi kollha u fi ħdanhom, li jenfasizzaw ukoll il-ħtieġa għall-aċċessibbiltà tal-flessibbiltajiet għall-Istati Membri.

- g) L-Artikolu 4(5)(d) – Il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi
- Żdiedet referenza għall-ispeċifitàjiet tal-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi simili għal dik inkluża fil-premessa 8a.
- h) L-Artikolu 4(5)(f) – Impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali
- Il-bidla proposta tispeċifika li l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali madwar l-Istati Membri għandhom jiġu riflessi b'mod xieraq fil-proposti leġislattivi li ġejjin.
- i) i) L-Artikolu 4(5)(h) u l-Artikolu 4(5)(o) Tranżizzjoni ġusta u soċjalment ġusta
- Fil-punt (h), żdiedet referenza għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u fil-punt (o) ġew inklużi referenzi għas-salvagwardja tal-koeżjoni soċjali u l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta.
- j) L-Artikolu 4(5)(k) – Rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju
- Il-bidla proposta ssaħħa u tiċċara l-lingwaġġ dwar il-ħtieġa li jitnaqqas ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju
- k) L-Artikolu 4(5)(q) – Ħtiġijiet u opportunitajiet ta' investiment
- Il-bidla proposta żżid referenza għall-appoġġ għall-innovazzjoni u l-aċċess għal teknoloġiji innovattivi madwar l-Istati Membri.
- l) Rieżami – l-Artikolu 11
- Il-Presidenza tipproponi li tissaħħa il-klawżola ta' rieżami eżistenti tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima billi tiżdied il-kompetittività tal-industriji Ewropej kif ukoll il-progress teknoloġiku u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi fl-Istati Membri u s-setturi kollha bħala elementi ġodda li għandhom jitqiesu fir-rapporti li jiġu ppreżentati wara kull rendikont globali.
 - Barra minn hekk, huwa ssuġġerit li r-rapport jista' jkun akkumpanjat minn miżuri addizzjonali biex jissaħħa l-inizjattivi li jikkonċernaw il-qafas ta' abilitazzjoni.

III. KONKLUŻJONI

9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden:

- jeżamina t-test ta' kompromess fl-Anness; u
- jibagħtu lill-Kunsill (Ambjent) għad-diskussjoni fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Settembru 2025, bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-
Regolament (UE) 2021/1119 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) L-eżitu tal-ewwel rendikont globali⁷ skont il-Ftehim ta' Pariġi⁸, konkluż fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fi tmiem l-2023, sab li l-partijiet qed idaħħlu fis-seħħ politiki dejjem aktar effettivi dwar il-klima, iżda li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali urġenti biex id-dinja titqiegħed fit-triq it-tajba biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (2) Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, l-Unjoni naqqxet fil-leġislazzjoni oġettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika fl-ekonomija kollha sal-2050, u b'hekk tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal zero netti sa dik id-data, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Dak ir-Regolament stabbilixxa wkoll mira klimatika intermedja vinkolanti tal-Unjoni sal-2030 u [...] [...] jeħtieġ l-istabbiliment ta' mira klimatika intermedja madwar l-Unjoni kollha għall-2040.
- (3) Filwaqt li qieset il-parir xjentifiku tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima ("il-Bord Konsultattiv") u abbażi ta' Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata, il-Kummissjoni ppreżentat mira rakkomandata ta' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990 għall-2040 fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' Frar 2024 bit-titolu "Niżguraw il-futur tagħna: Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta"¹⁰.

⁷ Id-Deċiżjoni 1/CMA.5.

⁸ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj>).

¹⁰ COM(2024) 63 final.

- (4) Sabiex tippromponi l-mira klimatika tal-Unjoni għall-2040, il-Kummissjoni qieset l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change) u tal-Bord Konsultattiv; l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, inklużi l-kostijiet ta' nuqqas ta' azzjoni; il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u soċjalment ekwa għal kulħadd; il-kosteffettività u l-effiċjenza ekonomika; il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u s-setturi l-aktar esposti għal rikolkazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; l-aqwa teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli; l-effiċjenza enerġetika **inkluż il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel"** [...], l-affordabbiltà tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista għall-Istati Membri kollha; l-ekwità u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom; il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività ambjentali u l-fatt li jsir progress maż-żmien; il-ħtieġa li l-bjar naturali jinżammu, jiġu ġestiti u jiġu mtejba fit-tul u li l-bijodiversità tiġi mħarsa u rrestawrata inkluż l-ambjent tal-baħar; il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet b'rabta mal-investment; l-iżviluppi u l-isforzi li saru fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-oġettiv aħħari tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC, United Nations Framework Convention on Climate Change); l-informazzjoni eżistenti dwar il-baġit indikattiv ipprojetat tal-Unjoni għall-gassijiet serra għall-perjodu 2030-2050.
- (5) Sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040 huwa essenzjali li, fost l-oħrajn, jiġi implimentat bis-sħiħ il-qafas ta' politika maqbul għall-2030, jiġi żgurat u jingħata sostenn għat-tisħiħ u l-protezzjoni tal-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija Ewropea, **jiġu żgurati sistemi tal-ikel sostenibbli, ir-reżiljenza tal-komunitajiet rurali u s-sigurtà tal-ikel permezz ta' settur agrikolu Ewropew sostenibbli u robust**, jiġu żgurati perkorsi ta' tranżizzjoni bbażati fuq l-aħjar teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli, tiġi stabbilita enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta għar-reġjuni affettwati, [...] is-setturi u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, pereżempju permezz ta' appoġġ mill-Fond Soċjali għall-Klima fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Barra minn hekk, huwa essenzjali li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta mas-sħab internazzjonali, li s-sistema tal-enerġija tiġi dekarbonizzata b'approċċ teknoloġikament newtrali li jinkludi s-soluzzjonijiet kollha tal-enerġija b'emissjonijiet żero u baxxi tal-karbonju (inklużi l-enerġija rinnovabbli, l-enerġija nukleari, l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin, is-CCS, is-CCU, l-assorbimenti tal-karbonju, l-enerġija ġeotermali u l-idroenerġija, il-**bijoenerġija sostenibbli** u t-teknoloġiji l-oħra kollha attwali u futuri tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti), **jitnaqqasu d-dipendenzi fuq l-importazzjoni** u jiġi organizzat djalogu strateġiku dwar il-qafas ta' wara l-2030 mas-setturi rilevanti kollha, inkluż l-industrija u t-trasport.

- (5a) **Bil-ħsieb li tiġi żgurata tranżizzjoni kosteffettiva, ġusta u soċjalment ibbilanċjata lejn in-newtralità klimatika**, kemm l-investiment tas-settur privat kif ukoll dak pubbliku, inkluż permezz tal-finanzjament tal-Unjoni, ser [...] ikun ukoll faċilitatur ewlieni għat-tranżizzjoni nadifa, pereżempju billi jiġu aċċellerati l-użu u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, jiġi appoġġat l-aċċess għad-dekarbonizzazzjoni industrijali, il-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija. [...] Bil-Patt għal Industrija Nadifa [...], l-UE qed tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal tranżizzjoni b'suċċess, li tiffoka kemm fuq id-dekarbonizzazzjoni kif ukoll fuq it-tiġdid industrijali [...] u l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-industrija Ewropea, inkluż il-Bank tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali u l-qafas il-ġdid simplifikat tal-ġhajnuna mill-Istat [...].
- (5b) **Il-Patt għal Industrija Nadifa [...]** jiffoka wkoll fuq aċċess aħjar għall-finanzi pubbliċi u privati, suq tal-enerġija tal-Unjoni integrat u interkonness li jiżgura s-sigurtà tal-enerġija, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari, kundizzjonijiet ekwi globali inkluż permezz tal-implimentazzjoni effettiva u l-estensjoni tas-CBAM għal merkanzija downstream, l-introduzzjoni ta' miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni u azzjoni biex tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju mill-esportazzjoni, u kundizzjonijiet abilitanti ċari [...] bħal permessi simplifikati u l-adozzjoni u l-iskalar ta' teknoloġiji nodfa, sabiex jissaħħu l-kompetittività industrijali u l-innovazzjoni fl-UE filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ġeopolitika li qed tinbidel.
- (6) Fid-dawl tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika għall-2050, sal-2040 l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jenħtieġ li jitnaqqsu u l-assorbimenti jiżdiedu, sabiex l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra, jiġifieri l-emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti, jitnaqqsu fl-ekonomija kollha b'90 % sal-2040 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

- (7) Jenħtieġ li tingħata prijorità lit-tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, filwaqt li jiġi kkomplementat b'żieda fl-assorbimenti, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet kemm naturali kif ukoll teknoloġiċi. [...] Fl-iżvilupp tal-pakkett ta' politika ta' wara l-2030, jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa lill-kontribut tat-tnaqqis gross tal-emissjonijiet meta mqabbel mal-assorbimenti naturali u teknoloġiċi. L-assorbimenti naturali [...] għandhom karatteristiċi li jenħtieġ li jitqiesu, bħall-istruttura tal-età tal-foresti, il-proporzjon tal-ħamrija organika, il-varjabbiltà naturali, u l-inċertezzi relatati mal-impatti tat-tibdil fil-klima, [...] id-disturbi naturali u mal-bidliet fil-metodoloġiji [...]. L-assorbimenti [...] naturali u industrijali ser jaqdu rwol dejjem akbar fl-ekonomija tal-Unjoni fid-deċennji li ġejjin, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu bbilanċjati l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra sa mhux aktar tard mill-2050 u l-emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem. Ser jiġu żviluppati inċentivi [...] fil-kuntest tar-rieżami tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ fl-2026, fejn il-Kummissjoni tbassar li ser tipprevedi għall-inklużjoni ta' assorbimenti domestiċi permanenti tal-karbonju fis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet [...] ("EU ETS") biex tikkumpensa għall-emissjonijiet residwi diffiċli biex jitrażżnu minn setturi diffiċli [...]. Is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija għandu rwol ċentrali f'bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari u għandu l-potenzjal li jipprovdi benefiċċji klimatiċi u ambjentali fit-tul li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni nadifa tal-ekonomija tal-UE u jnaqqsu d-dipendenzi billi jissostitwixxu l-materjali bbażati fuq il-fossili.

¹¹ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj>).

- (7a) Filwaqt li xi politiki abilitanti diġà ġew implimentati u l-impatt tagħhom diġà huwa viżibbli, dan għadu mhuwiex il-każ għal kollox. Jenħtieġ li l-Kummissjoni [...] [...] **tkompli** [...] [...] [...] ssaħħaħ l-**inizjattivi rigward** [...] [...] [...] il-qafas abilitanti u **timmira** li [...] **taċċellera l-adozzjoni tagħhom biex tiżgura** li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jappoġġaw lill-industrija u liċ-ċittadini Ewropej matul it-tranżizzjoni, b'rispett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni.
- (8) L-Unjoni għandha stabbilit qafas regolatorju biex tilħaq il-mira klimatika għall-2030. Fost il-leġiżlazzjoni li timplimenta dik il-mira nsibu d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi l-EU ETS, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², li daħħal miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³, li jistabbilixxi miri tal-assorbiment nett tal-karbonju għas-settur tal-użu tal-art. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni jeħtieġ li tiġi emendata sabiex tintlaħaq il-mira klimatika għall-2040. Meta tfassal il-qafas [...] għal wara l-2030, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati, filwaqt li tqis l-analiżi tagħha tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, is-sitwazzjoni ġeopolitika, l-impatti fuq il-kompetittività, [...] fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-industriji li jużaw ħafna enerġija, u l-impatti fuq il-kostijiet tal-enerġija u l-ħtiġijiet ta' investiment madwar l-Istati Membri, u tikkunsidra li tiegħu l-miżuri meħtieġa, inklużi proposti leġiżlattivi kif xieraq.

¹² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj>).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj>).

- (8a) Jenħtieġ li jiġu riflessi b'mod xieraq għadd ta' elementi biex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-mira klimatika għall-2040, inkluż kontribut limitat [...] possibbli għall-mira klimatika tal-2040 ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi, fit-[tieni parti] tad-deċennju 2030–2040, f'konformità mar-regoli kontabilistiċi tal-Ftehim ta' Pariġi; ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi (bħall-emissjonijiet Bijoġeniċi tal-Qbid bil-Ħżin tal-Karbonju (BioCCS) u l-Qbid Dirett mill-Arja bil-Ħżin tal-Karbonju (DACCS)) fl-EU ETS filwaqt li tiġi żgurata l-integrità ambjentali tal-EU ETS, inkluża l-possibbiltà li s-CO₂ jinħażen barra mill-Unjoni, kif xieraq, soġġett għall-eżistenza ta' ftehimiet internazzjonali u li jiġu previsti kundizzjonijiet ekwivalenti għal daww stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni; u flessibbiltà mtejba u aċċessibbli fis-setturi kollha u fi hdnhom biex jiġi appoġġat approċċ kosteffettiv fejn pereżempju [...], il-kisbiet tal-Istati Membri f'settur wieħed jistgħu jibbilanċjaw il-lakuni f'oħrajn b'mod kosteffiċjenti filwaqt li jiġi żgurat li kull settur jikkontribwixxi għall-isforzi. Fl-operazzjonalizzazzjoni tal-użu tal-krediti internazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-Istati Membri u l-opportunità li tappoġġa s-sħubijiet strateġiċi tal-UE. Il-krediti internazzjonali ma għandhomx jaqdu rwol għall-konformità fl-EU ETS. It-trajettorja attwali tal-EU ETS għandha tiġi riveduta fir-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-ETS biex tqis il-mira maqbula għall-2040. Sabiex jiġu vvalutati l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali, [...] il-qafas għal wara l-2030 jenħtieġ li jkun ibbażat fuq valutazzjonijiet tal-impatt robusti. Il-qafas għal wara l-2030 [...] jenħtieġ li jrawwem ukoll il-konverġenza filwaqt li jqis l-ekwità u l-ispeċifiċitajiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri, inkluż daww tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi.
- (9) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jigiġifieri li tiġi stabbilita mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv.
- (10) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1119 jiġi emendat skont dan,

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) 2021/1119

Ir-Regolament (UE) 2021/1119 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu, tizzied is-sentenza li ġejja:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2040.";

- (2) fl-Artikolu 4, il-paragrafi 3, 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Sabiex jintlaħaq l-oġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1), il-mira klimatika vinkolanti tal-Unjoni għall-2040 għandha tkun tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'90 % sal-2040 meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

4. Bi tħejjija għall-perjodu wara l-2030, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni sabiex tippermetti l-ilħuq tal-mira stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-oġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) u tikkunsidra li tiegħu l-miżuri meħtieġa, kif xieraq u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata, f'konformità mat-Trattati.

Il-Kummissjoni għandha [...] tkompli ssaħħaħ [...] l-inizjattivi li jikkonċernaw il-qafas ta' abilitazzjoni u timmira li taċċellera l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom [...] biex tiżgura li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet li jappoġġaw lill-persuni ġuridiċi u fiżiċi affettwati, bħall-industrija Ewropea u ċ-ċittadini matul it-tranżizzjoni, lejn il-miri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu, l-oġettiv stabbilit fl-Artikolu 2(1) u ekonomija newtrali għall-klima [...].

5. Fil-qafas tar-rieżami msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-[...]paragrafu 4, sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-mira stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-elementi li ġejjin ikunu riflessi kif xieraq fil-proposti leġiżlattivi:
- (a) mill-[2036], kontribut limitat possibbli lejn il-mira klimatika għall-2040 minn krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi ta' [3] % tal-emissjonijiet netti tal-UE għall-1990 li jappoġġaw lill-UE u lil pajjiżi terzi fl-ilħuq ta' trajettorji ta' tnaqqis fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra kompatibbli mal-oġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt 2 °C, u jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iżjed mil-livelli preindustrijali **[soġġett għall-iżgurar tal-integrità ambjentali u l-kosteffettività ta' dawn il-krediti, filwaqt li tiġi promossa t-tmexxija teknoloġika tal-UE]**; l-oriġini, il-kriterji tal-kwalità u kundizzjonijiet oħra li jikkonċernaw l-akkwist u l-użu ta' kwalunkwe kreditu bħal dan għandhom jiġu rregolati fid-dritt tal-Unjoni, u tali krediti ma għandux ikollhom rwol għall-konformità fl-EU ETS;
 - (b) ir-rwol tal-assorbimenti permanenti domestiċi fis-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni ("EU ETS") biex jikkumpensaw għal emissjonijiet residwi diffiċli biex jittrażżnu [...];
 - (c) flessibbiltà akbar fis-setturi kollha u fi hdnahom, biex jiġi appoġġat l-ilħuq tal-miri b'mod faċli u kosteffettiv;
 - (d) Il-miri u l-isforzi tal-Istati Membri għal wara l-2030 għandhom jirriflettu l-kosteffiċjenza u s-solidarjetà, fid-dawl taċ-ċirkostanzi u l-ispeċifità tal-emissjonijiet nazzjonali, **inkluż dawk tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi**;
 - (e) l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli u dik l-aktar reċenti, inklużi l-aħħar rapporti tal-IPCC u tal-Bord Konsultattiv;

- (f) l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali madwar l-Istati Membri inkluż fir-rigward tal-obiettivi tad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività għall-industrija Ewropea;
- (g) il-kostijiet tan-nuqqas ta' azzjoni u l-benefiċċji ta' azzjoni fuq perjodu ta' żmien medju sa twil;
- (h) il-ħtieġa li tiġi żgurata u appoġġata tranżizzjoni ġusta u soċjalment ekwa għal kulħadd b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni, is-setturi, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli affettwati mit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika;
- (i) is-simplifikazzjoni, in-newtralità teknoloġika, il-kosteffettività, l-effiċjenza ekonomika, u s-sigurtà ekonomika;
- (j) l-azzjoni klimatika bħala mutur għall-investment, [...] l-innovazzjoni u kompetittività akbar;
- (k) il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-ekonomija tal-Unjoni u t-tnaqqis tar-riskju ta' emissjonijiet tal-karbonju, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u s-setturi industrijali li huma l-aktar esposti [...]għal rilokazzjoni tal-karbonju, sabiex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta;
- (l) l-aqwa teknoloġiji kosteffettivi, sikuri u skalabbli disponibbli;
- (m) l-affordabbiltà tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista, is-sigurtà tal-enerġija, [...] l-effiċjenza enerġetika inkluż il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", [...], kif ukoll it-tisħiħ tal-grilji u l-interkonnessjonijiet tal-elettriku;
- (n) l-ekwità u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom;
- (o) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-effettività u l-progressjoni ambjentali maż-żmien, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata wkoll il-koeżjoni soċjali u tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta;

- (p) il-ħtieġa li jinżammu, jiġu ġestiti u msaħħa, **kif xieraq**, il-bjar naturali fit-tul u li tiġi protetta u rrestawrata l-bijodiversità, **li tiġi promossa l-bijoeconomija sostenibbli u ċirkolari**, kif ukoll li jitqiesu **l-effetti tad-differenzi fl-istruttura tal-età tal-foresti, il-varjabbiltà naturali u l-inċertezzi b'mod partikolari dawk marbuta mal-impatti tat-tibdil fil-klima u d-disturbi naturali** fis-settur tal-użu tal-art, **tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija**;
- (q) il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ta' investiment, inkluż l-aċċess għall-finanzi pubbliċi u privati **kif ukoll l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-aċċess għal teknoloġiji innovattivi fl-Istati Membri kollha**;
- (r) l-iżviluppi u l-isforzi fil-livell internazzjonali biex jintlaħqu l-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi u l-oġettiv aħħari tal-**Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)**, kif ukoll l-appoġġ tal-Unjoni lis-sħab tagħha fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu."

(3) Fl-Artikolu 11, l-ewwel paragrafu, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) il-kompetittività tal-industriji Ewropei, b'mod partikolari tal-industriji li jużaw ħafna enerġija u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

(d) il-progress teknoloġiku u l-użu madwar l-Istati Membri u s-setturi tat-teknoloġiji innovattivi".

(4) Fl-Artikolu 11, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

Ir-rapport tal-Kummissjoni jista' jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposti leġiżlattivi biex jiġi emendat dan ir-Regolament u minn miżuri addizzjonali biex jissaħħu l-inizjattivi li jikkonċernaw il-qafas ta' abilitazzjoni li jappoġġa l-implimentazzjoni effettiva kontinwa ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
